**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 317(a), 318, 325 (1) (a), 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 533, 578, 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 1049/2012***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**DUNCAN BUTTIGIEG**
**(ID: 244783M)**

**Illum, 12 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Duncan Buttigieg** ta' 29 sena, iben Mary Buttigieg imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju, 1983, residenti f'25, Triq Dun Guzepp Naudi, Hal Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' numru 244783(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1) Nhar id-9 t'Ottubru 2012, u fil-gimghat ta' qabel assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa u cioe' talli ppjana w ftiehem xi sura t'azzjoni li kienet tinvolvi li volontarjament jaghti n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor u cioe' garaxx ghad-detriment tal-Ispettur tal-Pulizija Angelo Gafa', izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq; jew volontarjament jaghti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, u cioe' l-garaxx proprjeta' tal-istess Spettur, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna, u kif ukoll ppjana u ftiehem li volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' billi jaghti n-nar il-vettura proprjeta' tal-Ispettur tal-Pulizija Angelo Gafa' u dan ghad-detriment tal-istess Spettur tal-Pulizija.
2) U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
3) Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat Duncan Buttigieg li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. J. Padovani LL.D. fit-2 ta' Lulju 2008 b'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta' hames mitt Ewro (€500) u garanzija personali ta' hamest elef Ewro (€5000);

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Duncan Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' hames mitt Ewro (€500) depozitu u s-somma ta' hamest elef Ewro (€5000) bhala garanzija personali imposti mill-Qorti jghaddu favur il-

Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid a fol. 8 u fedina penali a fol. 9 et sequitur tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru, 2014.

Illi nhar id-19 ta’ Ottubru, 2012 xehed l-**Ispettur Tony Cachia** u spjega li hu investiga rapport fil-konfront tal-imputat li qed jaghraf f'din l-Awla bhala Duncan Buttigieg, fejn dan ir-rapport ghamlu certu Joseph Cassar detentur tal-Karta tal-Identita' 646859(M).

Dan Joseph Cassar nhar is-7 ta' Ottubru mar personalment fid-Depot tal-Pulizija fejn kellem lill-Ispettur Angelo Gafa' li qieghed stazzjonat fit-Taqsima ta' kontra l-Frodi fejn qallu li Duncan Buttigieg kien qed jippjana biex jaghmillu l-hsara fil-proprjeta' tieghu.

Din il-hsara kienet tinvolvi li Buttigieg kien ser  jahraq il-garaxx u l-karozza tal-Ispettur Gafa'.  Skont Joseph Cassar dan Duncan Buttigieg kien mahruq  peress li fil-kawza li kienet qed tinstema’ quddiem l-allura Magistrat Edwina Grima fuq akkuzi ta’ frodi, l-Ispettur Angelo Gafa’ kien qed joggezzjona li l-imputat jinghata differiment sabiex ihallas lill-vittmi ta’ dik il-kawza. Jigifieri l-frodi sar ghad-detriment ta’ terzi  u Duncan Buttigieg talab li jkun hemm differiment ghal seduta ohra biex dawn in-nies ikun jista' jhallashom.

Dan Cassar kien qallu li mid-dehra l-Ispettur Anglu Gafa' kien oppona bis-sahha, tant hu hekk li Duncan Buttigieg hareg mahruq, nizel ghandu l-garaxx ta' Marsaxlokk fejn ex admisses qallu "*dal-liba Spettur qabad mieghi u jrid jerga' jressaqni fuq xi kaz ta' hasil ta' flus*" u zied *"irrid naghmillu vendikazzjoni fuq li qed jaghmilli*".

Ix-xhud qal ukoll li Joseph Cassar maghruf bhala x-Xifu kien stqarr mal-Ispettur Angelo Gafa' li Duncan Buttigieg kien staqsih jekk jafx xi tnejn (2) min-nies maghrufa bhala *hitman* biex jibaghthom jaharqu l-proprjeta' - il-garaxx u l-karozza tieghu (u cioe' tal-Ispettur Gafa'), Skont kif irrapporta lill-Ispettur Angelo Gafa', Joseph Cassar kien qallu li ma kien jaf b'hadd. Fuq dan ir-rapport l-Ispettur Gafa' kien in segwitu' ghamel rapport u ghaddih lis-Superjuri tieghu u l-kaz gie ghandu biex jinvestiga dan il-kaz.

L-Ispettur Cachia qal li kien talab il-hrug ta' Mandat t'Arrest lill-Magistrat tal-Ghassa li jekk m'huwiex sejjer zball kienet Dr. Gabriella Vella fi zmien jumejn minn meta sarlu r-rapport u fid-9 ta' Ottubru, 2012 cioe' jumejn (2) wara Duncan Buttigieg kien gie arrestat. Beda jinterrogah u qabel ma beda jinterrogah tah id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu, liema dritt hu rrifjuta. Filfatt huwa ffirma dikjarazzjoni ta' Rifjut ta' Jedd ghal Parir Legali li tinsab esebita a fol. 42. Buttigieg irrilaxxja l-ewwel stqarrija tieghu fl-10 ta' Ottubru, 2012 gewwa l-ufficcju tax-xhud fil-prezenza tas-Surgent 959 Micallef. Din tinsab esebita a fol. 34 et seq.

Ghall-ewwel Buttigieg beda jinnega dawn l-affarijiet u beda jghid li Joseph Cassar irid jivvendika ruhu minnu. Spjegalu li Joseph Cassar kien talbu xi hames t'elef Ewro (€5000) biex jiltaqa' ma' persuna fil-garaxx tal-istess Joseph Cassar biex jaghmel *deal* tad-droga mieghu u mbaghad itih persentagg minnhom. Mid-dehra Joseph Cassar kien ghamel kuntatt ma' din il-persuna, allegatament marret

il-garaxx tieghu pero' Duncan Buttigieg ma kienx mar ghal dan il-*meeting* biex isir dan id-*deal* tad-droga. Allura skont Buttigieg Joseph Cassar ried jivvendika ruhu minnu u ghamillu tali rapport mal-Ispettur Gafa'.

Barra minn hekk, ix-xhud zied li barra l-allegazzjoni ta' Cassar li Duncan Buttigieg stqarr mieghu li jrid jahraq il-bieb tas-Sur Angelo Gafa', Joseph Cassar kien stqarr ukoll li barra dak il-kaz kien hemm xi kaz ta' *arson* fuq karozza ta' xi haddiehor minn Hal Ghaxaq maghruf bhala tar-Ringo. Meta gie affaccjat b'dawn l-affarijiet, Duncan Buttigieg beda jinnega, anke fir-rigward tal-a*rson* tal-karozza.

Imbaghad Duncan Buttigieg zied li kien Joseph Cassar li kien haraq zewg (2) vetturi ohra - wahda fejn il-Coastline u l-ohra go Marsaxlokk stess. Ix-xhud zied li meta huwa staqsieh kif jaf li Cassar haraq dawn iz-zewg karozzi, dak qallu li kien qallu Cassar stess u spjegalu l-fatti rigward il-karozza tal-Coastline, fejn qallu li dan kien sehh minhabba li kellu xi mara Bulgara, li pero' mbaghad telqitu ghal mara ohra u allura vvendika ruhu minn din tal-ahhar billi harqilha l-karozza. Dwar il-hruq tal-vettura l-ohra qallu li huwa kien fil-kumpanija ta' Joseph Cassar waqt li kienu sejrin jiffirmaw l-Ghassa z-Zejtun u kien ghaddih minn fejn din il-karozza u kien indikalu li kien hu wkoll li haraqh. Pero' ma dahlux iktar fid-dettal fuq ta' min kienet jigifieri bhal tal-kwistjoni tal-Bulgara.

In segwitu' ix-xhud talab Mandat ta' Arrest iehor fil-konfront ta' Joseph Cassar u dan gie arrestat minn gewwa Marsaxlokk u meta beda jaffaccjah b'dak li qallu Duncan Buttigieg dwar l-allegat *deal* ta' droga li ma sarx minhabba n-nuqqas ta' Duncan Buttigieg, Joseph Cassar beda jinnega dan kollu u tah verzjoni ohra.

Joseph Cassar ammetta mieghu li Duncan Buttigieg kien wieghdu xi tlett elef (3000) Lira. Meta staqsew lil Joseph Cassar ta' xiex kien wieghedhomlu, dan

wiegeb li Duncan Buttigieg qallu li kien igib il-karozzi minn barra, w qallu li hu kien jiehu d-depozitu tan-nies u mbaghad mhux vera jgibhielhom il-karozza, jigifieri jaghmel frodi fil-konfront taghhom. Gieli mbaghad kien iqabbad lilu jitkellem ma' dawn in-nies li jkun iddefroda w igibilhom skuza ghaliex il-karzozza ma jkunx jista' jtihielhom.

L-Ispettur Cachia kompla li dam jinnega, Buttigieg ammetta li kien qal dak id-diskors lil Joseph Cassar u spjega li meta qallu dak id-diskors kien mahruq. Ammetta li kien qallu sabiex isiblu tnejn (2) min-nies biex jaharqu l-bieb tas-Sur Angelo Gafa'. Qal ukoll li Duncan Buttigieg, fil-prezenza ta' wicc Joseph Cassar li dan Cassar kien qallu li fil-kaz jahraqulu hu l-bieb tal-Ispettur Angelo Gafa', pero' Duncan Buttigieg ma riedx jahraq il-bieb ta' barra ghax is-Sur Gafa' joqghod go *flat* u ma riedx iwegga' n-nies tal-blokk. Pero' qallu li kellu jara kif iqabbad *private investigator* qallu biex isiblu l-garaxx tal-Ispettur Gafa'. Buttigieg, quddiem Joseph Cassar, kompla jallega wkoll li Joseph Cassar kien qallu sabiex f'dak il-kaz jaghti elf Ewro (€1000) lilu w dil-bicca xoghol jaghmilha hu ghaliex zgur li ma jinqabadx. Hawnhekk semmielu li kien diga' haraq xi karozzi u rrefera ghal dawk il-karozzi tal-Coastline u ta' Marsaxlokk.

L-ispettur kompla jispjega li huwa nvestiga l-*mobiles* ta' Duncan Buttigieg fejn f'*mobile* minnhom sablu messaggi mibghuta lilu minn Joseph Cassar fejn indika li jekk ma kienx ha jtih dawk il-flus, hu kien ha jmur jaghmillu rapport dwar id-diskors fuq l-*arson* li ried jaghmel lill-Ispettur Gafa'. Spjega li dawn il-messaggi kienu taht l-isem CR u meta Duncan Buttigieg gie mistoqsi ghalxiex jirreferu l-inizjali CR qallu li tfisser Criminal ghax spjegalu li lil Joseph Cassar hekk isibu. Sussegwentement Duncan Buttigieg kien talab biex jiskuza ruhu mal-Ispettur Anglu Gafa' u ammetta mieghu li verament kien sar dak id-diskors. Huwa staqsa lil Duncan Buttigieg kif jaf lis-Sur Anglu Gafa' u dan qallu li jafu ghax kellu zewg (2) kumpilazzjonijiet mieghu. Jaf ukoll li l-Ispettur Gafa' joqghod Hal-

Ghaxaq, pero’ l-garqaxx tieghu ma jafx fejn hu. Mistoqsi kif jaf lil Joseph Cassar, Buttigieg qallu li lil dan kien ilu jafu xi erba' (4) xhur tramite persuna ohra li ma xtaqx jizvela l-isem taghha.

Barra minn hekk, zied ix-xhud, Duncan Buttigieg allega wkoll li Joseph Cassar kellu xi armi u appuntu senter isserrat, u zied jghidlu li kien jibza’ minnu ghaliex fil-passat sema’ li kien il-habs fuq xi qtil. Huwa arresta lil Joseph Cassar permezz ta' Mandat u ghamlu tfittxija ghandu pero' ma sabu xejn, biss ried jispecifika li din is-*search* saret jumejn (2) wara jigifieri jumejn (2) wara li Joseph Cassar mar bi hgaru ghand l-Ispettur Gafa' jirrapporta u jikxef lil Duncan Buttigieg u jghidlu x’kien bi hsiebu jaghmillu.

Flimkien mal-istqarrija datata 10 ta' Ottubru, 2012 mehuda minghand Duncan Buttigieg, li hija indikata bhala Dok. SM1, ix-xhud ipprezenta stqarrija ohra mehuda fid-9 ta' Ottubru fil-konfront tal-istess Duncan Buttigieg indikata bhala Dok. SM2. Ipprezenta wkoll kopja tad-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali ffirmata mill-istess Duncan Buttigieg fil-prezenza tal-Pulizija Robert Ebejer u Surgent 430 certu St. John bhala Dok. SM3. Inoltre ipprezenta zewg (2) *mobile phones* tat-tip *Nokia* li ttiehdu lil Duncan Buttigieg matul din l-investigazzjoni. Dawn gew immarkati bhala Dok. SM4.

In kontro ezami x-xhud stqarr li Joseph Cassar fil-fatt ghandu rekord kriminali, kien il-habs u ghandu wkoll kawzi pendenti. Mistoqsi jekk l-allegazzjoni tal-istruzzjoni tal-flus kif saret minn Duncan fil-konfront ta' dan Cassar gietx segwita fl-investigazzjoni huwa spjega li iva, pero' kellhom verzjonijiet konflingenti, wiehed jghid li minhabba droga u l-iehor jghid li Joseph Cassar baqa' jsostni li kien wieghedu minhabba li qisu uzah biex jitkellem ma' certu nies li juri li huwa l-mekkanik ghal dawn il-karozzi li allegatament kellu jimporta minn barra. Mistoqsi jekk pero' jirrizultalux li kienet stramba li bniedem kriminal imur

jaghmel rapport kontra kriminal iehor, hu spjega li rapporti jkollhom imma mhux formali hekk, u zied li effettivament l-idea illi dan ir-rapport sar biex issir vendikazzjoni fil-konfront tal-imputat peress li l-imputat ha xi flus, kienet qed tigi investigata. Mistoqsi jekk il-provi taghhom kollha fir-rigward ta' dan il-kaz kienux jippernjaw ruhhom bazikament fuq ix-xhieda ta' dan Cassar, ix-xhud spjega li mhux fuq hekk biss.

Sostna li Duncan Buttigieg fl-istqarrija ammetta hu stess li vera kien talab lil Joseph Cassar isiblu tnejn (2) min-nies biex jaghmlu dik il-vendikazzjoni. Mistoqsi jekk li l-pozizzjoni ta' Duncan Buttigieg kinitx li dan id-diskors qalu fis-sahna tal-mument, ix-xhud qal li huma haduha bis-serjeta’ ghaliex iz-zewg persuni nvolutai, sija Duncan Buttigieg u sija Joseph Cassar huma maghrufa maghhom u gew investigati w qed ikomplu jigu investigati fuq *arsons* ta' vetturi ohra. L-Ispettur fuq mistoqsija tad-difiza, kkonferma li l-bicca fejn l-imputat qal illi kien se jahraqlu l-karozza, tinsab fl-istqarrija tieghu bil-miktub u mitlub jghid ghaliex l-imputat kien mahruq ghall-Ispettur Gafa’ jaghmel referenza ghall-istatement tal-imputat stess fejn qal ex admisses “*Hassejtni mwegga' li ghax issa ghandi c-cans inhallas lill-vittmi ta' dak il-kaz opponieli ghal izjed zmien*”.

Ix-xhud spejga li l-imputat qallu li appena kien hareg mill-awla dakinhar kien cempillu Joseph Cassar u qallu biex jinzel il-garaxx ghax kellu xi haga mportanti x'jghidlu. Huwa mar sabiex jara x’kellu jghidlu u appena dahal fil-garaxx tieghu spjegalu x’kien gara fil-Qorti w qallu wkoll li jixtieq jaghmel vendikazzjoni lis-Sur Gafa', fejn spjegalu li xtaq jahraqlu l-karozza izda mhux li jintmiss hu fizikament. Ried jigbidlu l-attenzjoni biss. Buttigieg qallu wkoll li x-Xifu qallu biex jahraqlu l-bieb ta' barra izda huwa mill-ewwel qallu li fejn joqghod l-Ispettur Gafa' joqghodu hafna nies u allura jkun ahjar isiblu l-garaxx u jahraqlu l-bieb tal-garaxx ghax hemm zgur ma jwegga' hadd. Ghadda l-hin izda qatt ma regghu tkellmu fuq is-Sur Gafa' sa meta darba x-Xifu hareg bl-*idea* li Buttigieg

johrog xi flus biex jiddilja d-droga kokaina u x-Xifu lahaq ftiehem ma' xi nies li jbieghu din id-droga, izda huwa ma nizilx fil-garaxx tieghu dakinhar tal-ftehim. Minn hemm bdiet battalja fejn Cassar qallu li mil-lum il-quddiem jista' jghoddu bhala ghadu tieghu u beda jirrikattah.

Illi nhar id-19 ta’ Ottubru, 2012 xehed **Joseph Cassar** fejn wara li inghata t-twissija skont il-ligi mill-Qorti, iddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx peress li jista’ jinkrimina ruhu.

Illi nhar it-22 ta’ Novembru, 2012 xehed l-**Ispettur Angelo Gafa’** u spjega li huwa Spettur tal-Pulizija u fis-sebgha (7) ta’ Ottubru, 2012 kien attenda l-ufficcju tieghu certu Joseph Cassar bin-numru tal-Karta tal-Identita 646859M. Dan huwa minn Marsaxlokk maghruf bhala x-Xifu. Dan mar jirrapurtalu li certu Duncan Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 244783M minn Hal Ghaxaq, li huwa jaghraf fl-Awla bhala l-imputat, kien se jqabbad xi nies biex jaghmlu hsara jew lilu jew propjeta’ li tappartjeni lilu. Spjega li dan Joseph Cassar kien mar ikellmu jum il-Hadd is-sebgha (7) ta’ Ottubru, 2012. Ftakar li xi jumejn qabel, allura l-Gimgha, kienu cemplulu mill-ghassa ta’ Birzebbuga fejn qalulu li dan l-istess persuna kien xtaq ikellmu rigward l-istess Duncan Buttigieg. Kien ghalhekk allura li qalilhom biex jghidulu jattendi l-ufficcju tieghu l-Hadd dan peress li l-Hadd filghodu jkun l-ufficcju u ma jkunx il-Qorti.

Cassar spjegalu li kien joqghod go garaxx gewwa Marsalxlokk. Kien jaf lil Buttigieg u kien ta’ sikwit imur hdejh. Hu nfurmah li dan apparentament gieli hadlu xi mara hemmhekk u kien ikollu x’jaqsam maghha go dan il-garaxx. Spjegalu li xi hmistax qabel, allura hmistax qabel is-sebgha (7) ta’ Ottubru, 2012, dan Duncan Buttigieg infurmah li kellu kaz il-Qorti bhala akkuzat u huwa kien l-Ufficjal Prosekutur fil-kaz tieghu u ried ipattihielu ghaliex huwa dakinhar waqaflu ghal numru ta’ affarijiet u ghaldaqstant Buttigieg staqsa lil Cassar jekk

kienx jaf xi nies li hu seta' jqabbad biex jaghmlu l-hsara lilu jew lill-proprjeta' tieghu. Cassar qallu wkoll li Duncan Buttigieg kien qieghed fil-process biex jivverifika l-lokazzjoni ta' fejn kien jinsab il-garaxx tieghu.

Spjega li filfatt kien vera li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2012 huwa kien l-Ufficjal Prosekutur f'kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija kontra Duncan Buttigieg et'** li kienet qed tinstema' quddiem l-allura Magistrat Dr. Edwina Grima. F'dik id-data s-Sur Buttigieg tramite l-avukati tieghu kien talab differiment, wiehed fost sensiela ripetuti ta' differimenti, li kien qed jitlob sabiex skont hu jgib il-fondi biex ihallas il-vittmi. Spjega li dan huwa kaz ta' ammont sostanzjali ta' frodi b'cekkijiet li ma ssarfux li hu kien akkwista tramite persuna ohra. Dan il-kaz filfatt qieghed differit ghas-sentenza u jekk Duncan Buttigieg jinstab hati hemm possibilta' kbira li jigi kkundannat piena karcerarja, anke ghall-fatt li huwa akkuzat fost akkuzi ohrajn bl-akkuza tar-recidiva.

Huwa kkonferma li Buttigieg u l-qraba tieghu jafu fejn joqghod u dan partikolarment ghaliex xi zmien ilu z-zijiet taghhom kienu hbieb u darba minnhom dan iz-ziju tal-imputat kien mar ghand ommu, fejn huwa ghadu joqghod mal-genituri tieghu, u hadlu flixkun whiskey li ommu qaltlu li kien baghtulu Duncan Buttigieg. Naturalment lil ommu ma joqghodx jghidilha dwar ix-xoghol li jaghmel, izda appena infurmaha li filfatt kien ghadu kemm kellu kazijiet ma' dan Duncan Buttigieg ommu mmedjatament kienet hadet dan il-flixkun whiskey dirett ghand dan iz-ziju ta' Duncan Buttigieg li filfatt kien joqghod mal-istess Duncan Buttigieg. Spjega li dan jigi hu ommu Duncan Buttigieg, kien guvni u kienu joqoghdu kollha fl-istess residenza, cioe' Duncan, ommu u dan iz-ziju tieghu li llum huwa mejjet. Hemmhekk huwa dakinhar allura baghat messagg li huwa dawn l-affarijiet ma jsirux mieghu. Apparti minn hekk qal, huwa minnu li huwa jdahhal il-karozza gewwa l-garaxx li huwa ta' missieru u allura verament ghandhom garaxx u dan il-garaxx ghamlu zmien twil

idahhlu l-karozza fih, pero' minn xi zmien ilu dan bdew jikruh u missieru kien xtara garaxx iehor, u allura jghid li seta' kien ghalhekk li forsi ma kienx jaf il-lokazzjoni tal-garaxx tieghu.

Kien ghalhekk li malli wasallu dan ir-rapport iddokumentah u ghaddih lis-superjuri tieghu fejn allura mbaghad kien gie infurmat li dwar dan il-kaz kien tqabbad l-Ispettur Tony Cachia biex jinvestiga u jiftakar li immedjetament fil-gimgha ta' wara stess, fl-ewwel jiem ta' dik il-gimgha li segwiet dan ir-rapport ftakar li l-Ispettur Cachia kien baghat ghal Duncan Buttigieg u anke ghall-istess Cassar li kien ghamel ir-rapport. Jiftakar li t-tnejn kienu arrestati. Is-Sur Cachia kien qed jinfurmah bl-izvilupp u hin minnhom kien anke nfurmah li Duncan Buttigieg xtaq ikellmu. Zied li sa dak il-hin l-imputat kien qed jinnega li qal xi diskors f'dak is-sens, pero' waqt li kien fl-ufficcju tas-Sur Cachia, Duncan Buttigieg ikkonferma li qal tali diskors mas-Sur Cassar u ddispjacih.

Zied li pero' Buttigieg u Cassar ma kinux qed jaqblu fid-diskors taghhom. Duncan Buttigieg qal li verament kien qal lil Cassar li jrid jaghmillu xi haga (b'referenza ghall-Ispettur Angelo Gafa') u skont Duncan Buttigieg kien is-Sur Cassar li qallu 'mela naharqulu l-bieb tad-dar'. Duncan Buttigieg qallu le, "*ghax dak joqghod go blokk ta' appartamenti u jistghu jweggghu n-nies, jista' jwegga' haddiehor*" u ghalhekk skont Duncan Buttigieg kien hu stess – Duncan Buttigieg – li ssuggerixxa li flok jaharqu l-bieb tad-dar jaharqulu l-bieb tal-*garage*. Hemmhekk allura qallu ex admisses "*irrid inqabbad private investigator biex naraw il-garage fejn hu".*

Qal li meta kienu qed ifittxu ghall-*mobile number* tas-Sur Cassar, fuq ic-cellulari ta' Duncan Buttigieg, laqtuh zewg (2) affarijiet wahda li kien hemm kuntatt bejniethom, li kien hemm kwistjoni fuq xi flus li apparentament seta' wassal biex Cassar jaghmel rapport mal-pulizija ghaliex kien gie mwieghed xi flus minghand

Duncan Buttigieg liema flus qatt ma ghaddihomlu, u dan johrog car anke fil-messaggi ta' bejniethom. Johrog ukoll li skont messagg li baghat Cassar, fejn qallu li jekk ma kienx ser jghaddilu l-flus li kien wieghdu, kien ser jirrapurtah dwar il-kaz tieghu u dwar il-kaz ta' hruq ta' vettura fejn sa fejn jaf hu jirreferi ghal hatnu. Ix-xhud kompla jghid li huwa kien infurmat li filfatt Duncan Buttigieg kien qed jigi nvestigat fuq hruq ta' vettura taz-ziju tieghu, minn Hal Ghaxaq stess. Li jaf zgur hu, li Duncan Buttigieg fir-risposta tieghu qatt ma qal "*x'qed tfisser b'dan id-diskors",* jigifieri kien jaf dwar xiex Cassar kien qed ikellmu fil-messaggi tieghu u li jiftakar li meta allura qallu "*ha mmur nirrapurtak lill-pulizija"* dwar dan, jiftakar li kien uza xi kliem baxx, ma jiftakarx ezatt x'kien il-kliem, jekk mhux sejjer zball "*tbusli l-bajd*", xi haga f'dak is-sens. Jiftakar ukoll li n-numru ta' dan Cassar fic-cellulari ta' Duncan Buttigieg kien irregistrat bl-ittra "C" – u meta staqsih ghalfejn dak in-numru kien irregistrat bhala "C", Duncan Buttigieg qallu "*Criminal*". Huwa kien dahhal in-numru tac-cellulari tas-Sur Cassar u hemmhekk tela' li dan kien irregistrat bl-ittra "*C*". U Duncan Buttigieg, meta mistoqsi qal, fil-prezenza tieghu li hu uza dik il-kelma biex identifikah - Criminal. Jigifieri allura hu stess qed jghid li jiddentifika lil Cassar bhala Criminal.

L-Ispettur Gafa' ikkonferma lil dan Joseph Cassar qatt ma kien jafu qabel, li jafu biss di vista l-Qorti peress li wiccu huwa partikolari, anke minhabba li ghandu anke t-tpingija fuq rasu. Ikkonferma li ma' Duncan Buttigieg kellu tlett (3) kazijiet, tnejn (2) decizi fejn fiz-zewg kazijiet wehel xi ordnijiet ta' *probation u* qatt ma mar habs minkejja li kellu r-recediva u fadallu dan il-kaz li wasal fl-ahhar stadju, li qieghed pendenti jistenna li jinghata sentenza. Qal li jaf li dakinhar ta' din is-seduta, cioe' tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2012, Duncan Buttigieg kien qal li ghandu l-flus ghax wirithom minghand zijuh. Jiftakar li hu kien iccalingjah dwarhom, peress li jafu ftit minhabba l-hbiberija taz-zijiet tahhom. Sostna li b'kull rispett lejh, ix-xoghol taz-zijua ta' Buttigieg kien dak ta'

kennies u li fost l-ohrajn kien imantni lil Duncan u lil ommu. Kien anke gie ffrodat mill-istess Duncan Buttigieg, u dwar dan kien hemm kawza deciza fil-Qorti fejn l-Ispettur kien Ian Abdilla. Allura spjega li kien jaf li dan ma kellu xejn, u kien ghalhekk li hu ccelingja lil Buttigieg meta qal li zijuh kien hallielu l-flus.

Spjega li hawnhekk allura dakinhar stess tas-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2012 lill-Magistrat, kien irrimarka li l-flus li Duncan Buttigieg kien qed jaghmel referenza ghalihom, kien qed igibhom minn allegat kaz ta' frodi li hu kien qed jaddotta permezz ta' sistema li taparsi qed igib il-karozzi mill-Ingilterra w ibieghhom lin-nies. Dawn jaghtuh depozitu fuqhom u l-karozza ma jgibielhomx. Filfatt irrizulta li dak il-kaz tressaq dwaru xi jiem wara li tressaq fuq dan il-kaz li qed jixhed dwaru llum. Qal li dan il-kaz huwa mmexxi mill-Ispettur Ian Abdilla u li jaf, li f'dak il-kaz ammetta dan kollu, li allura kien qed jaddotta din l-iskema ta' flus. Zid li jaf li minn ricerki li saru, z-ziju tieghu mhux talli ma halla xejn, talli spicca li kellu d-dejn u mhux kreditu xi jhalli.

Iddikjara li hu kien qal lil Buttigieg li kien lest li jahfirlu filwaqt li kkonferma li fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2012 kull ma kien ghamel hu kien li ghamel xoghlu, biex process ma jitwalx iktar milli suppost u biex jiddefendi l-interessi tal-vittmi kif jaghmel f'kull wiehed mill-kazijiet tieghu.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehed **PS959 Winston Micallef** u meta gie muri Dok. SN1 gharaf li din hija stqarrija mehuda fl-10 ta' Ottubru mill-Ispettur Tony Cachia tal-imputat Duncan Buttigieg li gharaf fl-Awla. Ikkonferma li dana nghata d-drittijiet kollha w wiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu w ghazel li jiffirmaha. Ix-xhud gharaf il-firem tal-Ispettur, ta' Duncan u tieghu. Mistoqsi jekk jikkonfermax li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi u li rrillaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju huwa spjega li jikkonferma dan kollu, pero' qal li ma kellu l-ebda involviment iehor f'dan il-kaz barra mill-istatement.

Illi nhar l-14 ta’ Ottubru, 2013 xehed **PS430 Andrew St John** u wara li gie muri d-dokumenti a fol. 38 sa fol. 41 ikkonferma li dak huwa *statement* mehud mill-Ispettur Tony Cachia fid-9 ta' Ottubru, 2012 fil-konfront ta' Duncan Buttigieg. Spjega illi wara li nghata s-soltu twissija, l-imputat li gharaf fl-Awla, ghazel li jiffirma. Gharaf il-firem kollha fuq l-istqarrija. Mistoqsi jekk hux qieghed jaghraf l-imputat hemm prezenti fl-awla spjega li iva qed jaghrfu hemmhekk gewwa l-awla u cioe’ li huwa s-Sinjur li qieghed bil-glekk. Mistoqsi jekk hux qed jaghraf il-firma tal-imputat, wiegeb li jaghrafha u ddikjara li dan kien inghata t-twissija skond il-ligi, w li dan sar fil-prezenza tieghu. Sostna li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija b’mod volontarju. Iddikjara li hu stess kien tah it-twissija meta gie arrestat l-ewwel darba wkoll. Ikkonferma li d-dokument a fol. 42 huwa d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat u fuq din ukoll gharaf il-firma tieghu, ta' Duncan Buttigieg, tas-Sur Cachia u ta' PC 294 illi mar mieghu anke waqt l-arrest tal-imputat. Mistoqsi jekk barra minn dawn id-dokumenti hu kienx involut ukoll fl-arrest tieghu, x-xhud wiegeb li huwa kien intbaghat ghas-Sur Duncan Buttigieg fejn mar ghalih flimkien ma' PC 294 fir-residenza tieghu *number* 25, Triq Dun Guzepp Naudi, Hal-Ghaxaq, illi hija vicin hafna tal-knisja ta' Hal-Ghaxaq u tinsab fi sqaq dejjaq hafna. Qal li meta marru hemmhekk fethitilhom omm Duncan Buttigieg u ndikatilhom li kien qieghed id-dar. L-imputat kien koperattiv maghhom, tah il-*caution* hu stess u naghta wkoll id-drittijiet tieghu skond il-ligi w kif suppost. Minn hemmhekk gie nfurmat dwar xiex gie arrestat u gie mehud id-Depot skont l-istruzzjonijiet illi kienu naghtaw lilu mill-Ispettur tieghu.

Jinghad li fit-22 ta’ Novembru, 2012 din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Dr. Martin Bajada sabiex johrog l-informazzjoni kollha relattiva mill-*mobile phones* esebiti kif ukoll sabiex jottejni l-informazzjoni kollha relattiva ghal-linji telefonici minghand is-*service providers* u sabiex jaghmel

*camm and sms profile analysis* tal-istess *mobile phones* u awtorizzatu jisma' x-xhieda taht gurament ghal dan il-ghan u wara kellu jirrapporta lura bil-miktub. (fol. 56)

Illi nhar id-29 ta' Mejju, 2014 xehed **Dr. Martin Bajada** u spjega li hu jinsab f'pozizzjoni li jesebixxi l-inkartament maghmul ghall-fini tal-inkarigu moghti lilu fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, 2012 liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. MB. Huwa ghadda kopja ta' dan l-inkartament kemm lill-imputat kif ukoll lill-Prosekuzzjoni.

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li fil-konfront tat-talba ghall-*Call Profiles,* l-ebda informazzjoni ma tista' tinkiseb peress li d-*data retention period* kien skada pero' zgur li tirrizulta skambju ta' *sms's* bejn il-persuna ta' Joseph Cassar u l-imputat.

Illi l-Qorti rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-29 ta' Lulju, 2014. (fol. 333)

Rat illi fis-seduta tat-13 t'Awwissu, 2014 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Fl-istess seduta gew moqrija l-Artikoli u l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza minn din il-Qorti.

Semghet lill-Ufficcjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghall-atti processwali u lill-Avukat Difensur tal-imputat jittratta l-kawza. Il-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu is-segwenti:

Illi Joseph Cassar maghruf bhala x-Xifu kien mar jaghmel rapport lill-Ispettur Angelo Gafa' li l-imputat Duncan Buttigieg kien ser jahraqlu l-bieb tal-garaxx tieghu kif ukoll il-vettura tieghu u dan wara li kien oggezzjonalu li jinghata differiment mill-Qorti ghall-kawza fejn huwa kien imputat fuq **akkuzi** ta' frodi u li kienet ilha tigi differita diversi drabi. L-imputat allegatament kien irrabjat u hass ruhu urtat u ghalhekk kien fetah qalbu ma' dan Joseph Cassar bix-xewqa li kellu tant li anke kien talbu sabiex isibu zewg min-nies li kienu lesti li jaghmlu dan ix-xoghol u sabiex igiblu l-indirizz tal-*garage* tieghu.

Joseph Cassar meta gie mistoqsi sabiex jikkonferma r-rapport li kien ghamel lill-Ispettur Angelo Gafa' ghazel li ma jixhedx peress li seta' jinkrimina ruhu. Pero' l-imputat ghalkemm ma xehedx f'dawn il-proceduri kien irrilaxja zewg stqarrijiet u dawn jinsabu esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok. SN 1 u SN 2 a fol. 34 et seq. Illi fl-istqarrija tieghu Dok. SN1, Duncan Buttigieg stqarr illi lejn l-ahhar ta' Settembru, 2012 huwa kellu seduta quddiem l-allura Magistrat Dr Edwina Grima fejn l-Ufficcjal Prosekutur kien l-Ispettur Angelo Gafa' u xtaq li jinghata differiment bil-ghan li jhallas il-vittmi f'dak il-kaz u l-Ispettur kien opponielu u ghalhekk irrabja u kien 'mahruq'. Appena hareg mill-Awla kien cempillu Joseph Cassar u talbu sabiex jghaddi ghandu l-garaxx u mar hemm. Appena wasal qallu x'kien ghamillu l-Ispettur u li ried ipattihielu billi jaghmillu xi vendikazzjoni. Qal li ried jahraqlu l-karozza tieghu. Spjega li dan Cassar qallu sabiex jahraqlu l-bieb tad-dar tieghu pero' ma riedx ghaliex kien hemm hafna nies jghixu fil-blokk izda ghalhekk qal li kien ikun ahjar li jahraq il-bieb tal-*garage*. Qal ukoll fost affarijiet ohra li kien talab lil Cassar jekk kienx jaf persuna li kienet lesta taghti in-nar lill-karozza tal-Ispettur Gafa' u Cassar kien pront u qallu li jekk jaghtih is-somma ta' elf ewro (€1000) kien lest li jahraqha hu stess.

Illi ghalhekk f'din l-istqarrija il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni tal-imputat stess talli assocja ruhu ma' Joseph Cassar sabiex jigi kommess delitt li ghalih hemm prigunerija u cioe' sabiex volontarjament jaghti n-nar lill-karozza u bieb ta' *garage* proprjeta' tal-Ispettur Angelo Gafa'.

Illi l-mizura tar-regolarita' o meno ta' konfessjoni tal-imputat jew akkuzat hija dik stabbilita mill-Artikoli 658 sa 661 tal-Kodici Kriminali. Illi huwa ghalhekk pacifiku li:

"*tista tittiehed bi prova kontra minn ikun stqarr kemm-il darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew bit-twebbil.*"

Illi l-principju sancit mit-Titolu II tat-Taqsima III tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, jista' jigi sintetikament espress bil-mod li dan it-titolu jirrikjedi bhala valida u denja li tigi mressqa ghall-iskrutinju gudizzjarju dik il-konfessjoni li tkun saret b'mod volontarju.

Illi tali rigorozita' ghalhekk tikkostringi lill-Gudikant li jeskludi kwalunkwe evidenza mhux kolpita b'dan il-mod biex b'hekk mhux biss tirrivendika imputat li jkun sottomess ghall-proceduri odjuzi ta' natura kriminali unikament fuq din il-bazi, izda wkoll biex taghti messagg car lill-*forza pubblika* biex fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet u libertajiet tal-individwu espressament sanciti fl-ordinament guridiku Malti.

Illi pero' ghalhekk ir-rigorozita' tal-volontarjeta' rikjesta mil-ligi taghna hi tassew ghaqlija u previggenti u din il-Qorti fit-tradizzjoni orgoljuza ta' Qrati Maltin ta' qabilha, tibqa' tesigi din il-mizura bhala l-unika mizura li fuqha l-Gudikant irid necessarjament jibbaza l-edifizzjoni decizjonali tieghu.

Illi stabbilit dan, ghandu jinghad ukoll li l-fatti ta' kull proceduri ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu ezaminati w analizzati fl-integrita’ taghhom stante li kull procedura tipprezenta specificita’ mhux riskontrata f'kazijiet ohra, ghalkemm tittratta l-istess istitut legali.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** ***fis-sebgha ta' Novembru, 1930*** (vol XXVII. IV. 617):

"*deve essere riconosciuto alla forza pubblica una certa varieta e latitudine di mezzi e di metodi che trovano limitazione soltanto nelle disposizioni delle legge u nello spirito che la informano.*'

Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet ‘**Dallison v Coffary’** (1965) I.Q.B. 348, **Lord Denning M.P.** jghid:

"*... when a constable has taken into custody a person reasonably suspected of felony, he can do what is reasonable to investigate the matter, and to see whether the suspicions are supported or not by further evidence. He can, for example, take the person suspected to his own house to see whether any of the stolen property is there, else it may be removed and valuable evidence lost. He can take the person suspected to the place where he was working for there he may find persons to confirm or refute his alibi. The constable can put him up on an identification parade to see if he is picked out by the witnesses. So long as such measures are taken reasonably, they are an important adjunct to the administration of justice...*"

Illi in vista tas-suepost, ghalhekk huwa pacifiku li wiehed mill-mezzi koncessi lill-pulizija biex tilhaq dan l-ghan, huwa l-interrogatorju ta' persuni suspettati fejn

ir-risposti taghhom jistghu jikkostitwixxu prova fil-konfront taghhom purche' tali konfessjoni tkun wahda volontarja.

Illi fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulziija v James Gulliamier'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnax ta' Frar, 1999 gie wkoll konfermat li:

"*dak li jkun stqarr l-interrogat fl-istqarrija tieghu huwa ammissibbli bhala prova favur jew kontra fil-konfront tieghu purke li din l-istqarrija tkun giet mehuda volontarjament u ma tkunx vizzjata b'xi difetti msemmija fl-Artikolu 658 tal-Kap 9.*"

Kif dejjem gie ritenut ripetutament, huma dawk il-fatturi biss li awtomatikament jivvizzjaw l-istqarrija u fatturi ohra m'ghandhomx dan l-istess effett u ghalhekk dak li allegat id-difiza li l-imputat gie influwenzat mill-Pulizija waqt it-*tour* li ghamel kellu xi effett fuq l-istqarrija, ma taghmilx sens. Il-Pulizija mxiet skont il-ligi u ghalhekk dak kollu li qal l-imputat jikkostitwixxi prova ammissibbli. Meta d-difiza ssollevat dan il-punt tan-non volontarjeta' tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat hija assumiet l-obbligu li tressaq provi sufficjenti in sostenn tat-tezi taghha, u dan sabiex l-akkuzat jiggenera dubju ragjonevoli fil-verzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni - haga li d-difiza zgur li ma ghamlitx f'dan il-kaz.

Sabiex stqarrija tigi dikjarata inammissibbli ghandu jigi ppruvat u mhux semplicement allegat minghajr provi li jissostanzjaw dik l-allegazzjoni li tali stqarrija kellha xi difett intrinsiku li jirrendiha invalida. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Donald Vassallo et**' **- Appell Kriminali Numru 12/97**. Il-Qorti thoss li kull kaz ghandu l-partikolaritajiet tieghu u ghar-rigward ta' stqarrijiet huwa importanti u essenzjali li wiehed jara l-komportament ta' dak li jkun li qed jigi investigat, jekk kellux xi kazijiet ohra qabel u jekk kellux esperjenza ta'

cirkostanzi simili precedenti. Wiehed ukoll ghandu jinnota l-mod ta' kif irrisponda ghad-domandi dak li qed jigi investigat, liema domandi jkunu sarulu mill-Ufficjal Investigattiv, jekk kienx negattiv fir-risposti tieghu fis-sens li ghazel li ma jirrispondi ghal xejn, bhal ma ghandu kull dritt li jaghmel u cirkostanzi ohra li mehuda lkoll flimkien, juru jekk waqt li l-investigat kien qed jirrilaxxja dik l-istqarrija, kienx filfatt mahkum minn xi biza’ jew fi stat psikologiku tant hazin li spicca minn go fih kull sens ta' volontarjeta’.

Issa fil-kaz in ezami, il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi u ma jirrizultax li l-pulizija investigattiva kienet marret oltre l-limitu impost mil-ligi fl-interrogatorju taghha tal-appellant.

Il-ligi ma tirrikjedix li bilfors trid tinghata twissija ghalkemm hija desiderabbli u din tinghata sabiex il-konfessjoni li tinghata tkun volontarja mhux bilfors spontanja. Il-posizzjoni ghalhekk hija li ghalhekk huwa desiderabbli hafna li l-*caution* tinghata dejjem u li tinghata sew. Il-fatt li ma tinghatax, ma jivvizjax awtomatikament l-istqarrija, ghalkemm evidentement jista’ jkun indizju qawwi dwar il-volontarjeta' o meno. Kif gie deciza fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Anthony Cassar’** deciza fit-tletin ta' Novembru, 1978, l-effett tal-*caution* huwa li f'hafna kazi telimina kwistjonijiet li jistghu jinqalghu dwar l-volontarjeta’ tal-istess stqarrija, izda la darba jirrizulta oneru ta' prova dan jaqa’ fuq il-Prosekuzzjoni, illi l-istqarrija tkun ittiehdet volontarjament, fis-sens ta' rekwizita tal-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, dik l-istqarrija trid tittiehed bi prova kontra minn ikun stqarrha.

Minn ezami ta' din l-istqarrija u x-xhieda moghtija jirrizulta bla ebda ombra ta’ dubju li l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija b’mod volontarju u dan wara li inghata twissija skont il-ligi u kien anke sahansitra moghti d-dritt tieghu li jikkonsulta ma’ avukat liema dritt irrifjuta kif del resto stqarr PC 294 Robert

Ebejer (fol. 349) u ghalhekk huwa gust li jinghad li l-imputat b'mod volontarju assoccja ruhu ma' terza persuna u cioe' ma' Joseph Cassar fir-reat principali addebitat lilu.

Id-difiza sostniet li l-kliem li qal l-imputat qalhom fis-sahna tal-mument ghaliex kien irrabjat pero' kieku dan il-kaz kien jiskuza ruhu minnufih. Haga li m'ghamilx u mhux hekk, minn ezami tal-kliem jidher li l-imputat kien qed iqis kliemu ghaliex sahansitra anke qal li ma riedx jaghti n-nar lill-bieb principali ta' fejn joqghod l-Ispettur ghaliex hemm nies ohrajn li jghixu fl-istess blokk u ma riedx iweggghahom.

Fl-ewwel lok din il-Qorti osservat illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat kif previst fl-Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' sabiex jiġi applikat l-imsemmi Artikolu 48A, irid jiġi determinat liema hu r-reat li tiegħu l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat. Issa fil-kaz in desamina jidher li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat assocja ruhu ma' Joseph Cassar sabiex jikkomettu r-reat kif previst fl-Artikolu 318 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta maghruf bhala 'Ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies' u talli jaghmel hsara volontarja fuq il-proprjeta' tal-istess Spettur Angelo Gafa' kif kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad li t-tliet elementi tal-assoċjazzjoni huma:

a) Ftehim bejn tnejn jew aktar min-nies;
b) L-intenzjoni li jsir ir-reat;
c) U pjan ta' azzjoni miftiehem.

Mhux relevanti jekk dak il-ftehim tpoggiex fil-prattika.

L-intenzjoni wahidha mhix bizzejjed. Jinhtieg li l-persuni li ser jiehdu parti fl-assocjazzjoni jkunu ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu, biex jagixxu, u m'hemmx bzonn li huma jew xi persuni ohra ghamlu xi atti ohra sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni miftiehem. Dan qed jinghad ghaliex jekk barra mill-ftehim dwar il-kommissjoni tar-reat u dwar il-pjan ta' azzjoni jkun hemm il-bidu tal-esekuzzjoni tal-azzjoni mifthema, jew jekk ir-reat ikun sehh, il-persuni involuti jkunu jistghu jkunu akkuzati kemm bl-assocjazzjoni kif ukoll bit-tentattiv jew bir-reat komplut. Ghall-finijiet tat-tentattiv jew tar-reat ikkonsmat, dawk li jiehdu parti fl-assocjazzjoni jsiru komplici jew *co-principals*.

M'hemmx dubju li effettivament l-imputat kien iltaqa' ma' Joseph Cassar tkellem dwar ir-reat li jixtieq jikkometti u cioe' li jaghti n-nar lill-karozza u bieb ta' *garage* tal-Ispettur Angelo Gafa' u dan sabiex jikkawzalu hsara volontarja bhala tpattija ghaliex fil-verita' l-Ispettur kien qed jaghmel xoghlu. Joseph Cassar sahansitra anke qallu li kien lest li jahraq il-bieb hu una volta jtih is-somma ta' elf ewro (€1,000).

Konsegwentement l-akkuza kif kontemplata fl-Artikoli 48A, 318 u 325 jirrizultaw provati.

Dwar l-akkuza tar-recidiva jirrizulta li l-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2014 ipprezentat tlett sentenzi a fol. 324 et seq li nghataw minn din il-Qorti diversament preseduta fejn hemm imnizzel il-partikolaritajiet tal-imputat odjern bhala imputat f'dawk it-tlett sentenzi pero' fihom inghata *probation orders* li m'ghandhomx jigu meqjusa bhala piena ai fini tar-recidiva u ghalhekk din l-akkuza ma tistax tirrizulta provata.

Dwar l-akkuza l-ohra u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-allura Magistrat Dr Jacqueline Padovani

Grima nhar it-2 ta' Lulju, 2008 jinghad li dan id-digriet qatt ma gie esebit fl-atti u ghalhekk tali akkuza ma tistax tirrizulta u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tordna r-ri-arrest tal-imputat u lanqas ma tista' tordna li s-somma flus li huwa ddeposita l-Qorti u li ghamel bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai fini ta' piena din il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja hafna b'xejn inqas minn disa' *convictions* registrati fuqha fejn l-imputat kien instab hati ta' diversi reati u sahansitra anke kien ghamel perjodu ta' prigunerija pero' ma gharafx jisfrutta ruhu mill-opportunitajiet li nghataw lilu ghaliex rega' qieghed il-Qorti akkuzat b'reati ohra u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha timponi piena ta' prigunerija f'dawn ic-cirkostanzi.

Ghalhekk din il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **l-Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 317(a), 318, 325(1) (a), 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 533, 578, 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ssib lill-imputat DUNCAN BUTTIGIEG hati tal-akkuza ta' assocjazzjoni fir-reat ta' hruq bla periklu ghall-hajja tan-nies u ta' hsara volontarja u ghalhekk tikkundannah piena ta' sentejn (2) prigunerija effettivi, pero' ma ssibux hati tal-akkuza ta' recidiva u talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu fid-digriet tal-liberta' provizorja u tilliberah minnhom.**

**Oltre dan qed torbot lill-imputat sabiex ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lill-Ispettur Angelo Gafa' ghall-perjodu ta' sena mil-lum taht penali ta' elf ewro (€1,000) fin-nuqqas.**

**Oltre dan tordna li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-Ispettur Angelo Gafa' ai termini tal-Artikolu 412C ghall-perjodu ta' tlett (3) snin u**

**fin-nuqqas li jobdi tali ordni l-imputat qed jigi kkundannat jaghmel tliet (3) xhur prigunerija addizzjonali.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**